32006D0166

28.2.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 57/13

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Diċembru 2005

## li tikkonkludi l-Protokoll Addizjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea

(2006/166/KE)

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea, ġie iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri fil-25 ta' Ġunju 2005 bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/206/KE ([2]).

(2) Fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali ġie applikat fuq bażi proviżorja sa mill-1 ta' Mejju 2004.

(3) Il-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi konluż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Addizzjonali dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea, huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll Addizzjonali ([3]) huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) ĠU L 68, 15.3.2005, p. 32.

([3]) ĠU L 68, 15.3.2005, p. 33.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Protokoll Addizzjonali.

Magħmul fi Brussel, nhar il-21 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
B. BRADSHAW